MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 1/2003/1

Rikors Nru: 1/2003

Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Thirteen Four Investments Limited

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Art ipprezentat fl-24 ta' Jannar 2003 fejn espona:

Illi s-socjeta' intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 20 ta' Settembru, 2002 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fix-Xaghra, Zabbar, tal-kejl ta' madwar 1,462 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta' tal-Gvern, mil-

Lvant ma' proprjeta' ta' L&D Attard Company Limited u mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Joseph Micallef huwa ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000) kif jidher mir-rapport tal-Perit Godwin Drago A&CE tal-11 ta' April, 2002 li kopja tieghu 'Dok A' hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru, 2002 s-socjeta' intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sittax-il elf lira Maltin (Lm16,000).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lis-socjeta' intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fit-12 ta' Frar, 2003, fejn esponiet:

1. Illi l-esponenti zomm ferma t-talba taghha ghal kumpens u danni minhabba l-espropriju fl-ammont ta' sittax-il elf lira (Lm16,000).

Salvi eccezzjonijiet ohra u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi.

Ra li l-partijiet gew notifikati bid-dokumenti kollha.

Semgha x-xhieda bil-gurament u ra l-atti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu tad-9 ta' Frar 2004 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Michelangelo Refalo u l-AIC Godfrey Vella.

Ra li l-periti msemmija ghamlu access fis-16 ta’ Frar 2005 fil-prezenza tal-partijiet.

Ra li l-partijiet qablu fuq il-konsistenza u kejl ta’ l-art.

Ra r-relazzjoni tal-peritili kkwalifikaw l-art bhala agrikola skond it-tifsira moghtija bil-ligi u stmawha bir-rata ta’ Lm8.89c kull metru kwadru u hekk waslu ghall-kumpens ta’ Lm13,000.

Ra l-artikoli 17, 18 u 27 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jistabilixxi l-kumpens dovut fis-somma ta’ Lm13,000.

Ghalhekk jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u jordna lis-socjeta’ intimata tittrasferixxi favurih b’titolu ta’ xiri assolut bhala libera u franka l-bicca art fix-Xghajra, Haz-Zabbar tal-kejl ta’ madwar 1,462 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma’ proprjeta’ tal-Gvern, mil-Lvant ma’ proprjeta’ ta’ L&D Attard Company Limited u mil-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Micallef bil-kumpens ta’ Lm13,000;

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fl-ufficju tar-rikorrent, nhar l-Erbgha 24 ta’ Jannar, 2007 fid-09:00a.m.. Jahtar lill-avukat Dottor Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci, u b’dan li l-hatra ghandu jigi mgharraf mir-rikorrent bil-miktub.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita’ kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord. Ir-relazzjoni taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------